KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fit-12 ta' Mejju 2022[1]

Kawża C-250/21

Szef Krajowej Administracji Skarbowej
vs
O. Fundusz lnwestycyjny Zamknięty reprezentowany przez O S.A.

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1)(ċ) – Tassazzjoni ta' servizzi bi ħlas – Rabta diretta bejn is-servizzi pprovduti u l-ħlas riċevut mill-persuna taxxabbli – Artikolu 135(1)(b) – Eżenzjoni għall-"għoti […] ta' kreditu" – Titolizzazzjoni sintetika – Kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni)

1. F'din il-kawża, in-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar it-trattament tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) ta' tranżazzjoni li għandha titwettaq skont kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni.

2. Iddikjarat b'mod skematiku, skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni previst mill-persuna taxxabbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-fond ta' investiment A iħallas lill-bank B ammont bil-quddiem mal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt. Inkambju għal dan il-ħlas, il-bank B (iktar 'il quddiem l-"oriġinatur"), li sellef il-flus lil Ċ (iktar 'il quddiem id-"debitur prinċipali"), jaqbel li jħallas lill-fond ta' investiment A (iktar 'il quddiem is-"sottoparteċipant") r-rikavati miksuba mill-oriġinatur skont il-kuntratt ta' self oriġinali mad-debitur prinċipali. Filwaqt li l-fluss tal-flus u r-riskju huma eliminati mill-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur u huma ttrasferiti lill-fond ta' investiment ikkonċernat f'din il-kawża, l-oriġinatur iżomm il-proprjetà legali tal-assi.

3. Iktar speċifikament, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab sabiex tiddetermina jekk is-servizzi pprovduti minn fond ta' investiment skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni jikkostitwixxux "l-għoti u n-negozjar ta' kreditu u l-immaniġġjar tal-kreditu mill-persuna li tagħtih", fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112/KE[2]. Jekk huwa minnu, dawn is-servizzi jaqgħu fi ħdan l-eżenzjoni mill-VAT stabbilita f'din id-dispożizzjoni. Fil-fehma tiegħi, din id-domanda għandha implikazzjonijiet prattiċi importanti għal-liġi li tirrigwarda t-titoli minħabba li r-risposta li tipprovdi l-Qorti tal-Ġustizzja tista' taffettwa t-twettiq u l-attrazzjoni ta' tali tranżazzjonijiet finanzjarji, li jagħmlu lil din il-kawża ta' natura sensittiva.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' [VAT] (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Skont l-Artikolu 2(1)(a) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112, "il-provvista ta' merkanzija magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali" u "il-provvista ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali", rispettivament, għandhom ikunu suġġetti għall-VAT.

5. L-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva jipprovdi d-definizzjoni ta' "persuna taxxabbli".

6. L-Artikolu 135(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw it-transazzjonijiet li ġejjin:

(b) l-għoti u n-negozjar ta' kreditu u l-immaniġġjar tal-kreditu mill-persuna li tagħtih;

[…]

(d) transazzjonijiet, inkluż negozjar, li jikkonċernaw kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti, ċekkijiet u strumenti oħrajn negozzjabbli, imma eskluża l-kollezzjoni tad-debitu;

[…]

(f) transazzjonijet, inkluż negozjar iżda mhux l-immaniġġjar jew iż-żamma fiż-żgur, f'ishma, interessi f'kumpanniji jew assoċjazzjonijiet, obbligazzjonijiet (debentures) u sigurtajiet oħrajn, iżda esklużi dokumenti li jistabbilixxu titolu għal merkanzija, u d-drittijiet jew sigurtajiet imsemmija fl-Artikolu 15(2);

[…]"

B. Id-dritt Pollakk

1. Il-liġi dwar il-VAT

7. L-Artikolu 43(1)(38) tal-ustawa o podatku od towarów i usług (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq Merkanzija u Servizzi) [3] (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT"), jipprevedi li s-servizzi tal-għoti ta' krediti jew self finanzjarju u servizzi ta' senserija li jirrigwardaw l-għoti ta' krediti jew self finanzjarju, kif ukoll l-immaniġġjar ta' kreditu jew ta' self finanzjarju mill-entità li tagħti tali krediti jew self finanzjarju għandhom ikunu eżentati mill-VAT. L-Artikolu 43(1)(39) tal-istess liġi jeżenta, essenzjalment, in-negozjar ta' kollaterali, garanziji u kull titolu ieħor għal tranżazzjonijiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni u l-immaniġġjar ta' garanziji ta' kreditu mill-entità li tagħti.

[3] Il-Liġi dwar it-Taxxa fuq Merkanzija u Servizzi tal-11 ta' Marzu 2004, fil-verżjoni applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (Dz. U. tal-2011, Nru 177, pożizzjoni Nru 1054).

2. Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment

8. L-Artikolu 183(4) tal-ustawa o funduszach inwestycyjnych i zarządzaniu alternatywnymi funduszami inwestycyjnymi[4] (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment") jikkonċerna kuntratti ta' sottoparteċipazzjoni. Din id-dispożizzjoni tiddikjara:

"Kuntratt sabiex jintbagħtu lill-fond il-benefiċċji kollha rċevuti mill- oriġinatur tat-titolizzazzjoni jew il-benefiċjarju tar-riċevibbli titolizzati minn grupp speċifikat ta' riċevibbli jew minn riċevibbli speċifikati (kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni) għandu jinkludi obbligu min-naħa ta' dawn l-entitajiet sabiex jibagħtu lill-fond:

(1) ir-rikavati kollha mir-riċevibbli titolizzati;

(2) l-ammonti prinċipali tar-riċevibbli titolizzati;

(3) l-ammonti miksuba mir-realizzazzjoni tal-kollaterali li jirrigwarda r-riċevibbli titolizzati – fejn it-talbiet tal-oriġinatur tat-titolizzazzjoni jew tal-benefiċjarju tar-riċevibbli titolizzati kienu ssodisfatti bir-realizzazzjoni tal-kollaterali."

II. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari magħmula

9. Il-fond ta' investiment ikkonċernat f'din il-kawża huwa fond li ma huwiex standardizzat fis-sens tal-Artikolu 183 tal-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment. Huwa qiegħed jippjana li jidħol fil-kuntratti ta' sottoparteċipazzjoni ma' banek jew fondi oħra għax-xiri tar-rikavati mir-riċevibbli ta' self fil-kapaċità tiegħu ta' sottoparteċipant. Sabiex jaċċerta jekk is-servizzi inklużi f'dawn il-kuntratti humiex eżentati mill-VAT, il-fond ta' investiment talab lill-Minister Finansów (iktar 'il quddiem il-"Ministru għall-Finanzi") sabiex jieħu deċiżjoni fiskali li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 43(1)(38) u (39) tal-Liġi dwar il-VAT.

10. Fit-talba tiegħu, il-fond ta' investiment iddikjara li l-karatteristiċi essenzjali tas-sottoparteċipazzjoni huma dawn li ġejjin:

– l-oriġinatur jimpenja ruħu li jittrasferixxi lis-sottoparteċipant ir-rikavati kollha mis-self speċifikat fil-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni;

– inkambju għal dan it-trasferiment, is-sottoparteċipant iħallas lill-oriġinatur ammont miftiehem b'mod kuntrattwali;

– ir-riċevibbli tas-self li fuqhom is-sottoparteċipazzjoni hija bbażata jibqgħu fl-assi tal-oriġinatur;

– is-sottoparteċipazzjoni sservi għan doppju, billi tipprovdi likwidità għall-oriġinatur u tkopri r-riskju ta' kreditu tal-oriġinatur inkwantu r-riskju assoċjat ma' assi speċifiċi huwa ttrasferit lill-fond ta' investiment;

– id-differenza bejn l-ammont imħallas lill-oriġinatur u l-ammont miksub mis-sottoparteċipant fir-rigward tar-rikavati mir-riċevibbli matul id-dewmien tal-kuntratt tikkostitwixxi r-remunerazzjoni tas-sottoparteċipant.

[4] Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment u l-Immaniġġjar ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv tas-27 ta' Mejju 2004 (Dz. U. tal-2004 Nru 146, pożizzjoni Nru 1546, kif emendata).

11. Il-fond ta' investiment isostni li, meħud inkunsiderazzjoni l-fatt li s-servizzi pprovduti skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni jiżgura l-likwidità, huma għandhom jiġu ttrattati bħala kreditu jew self finanzjarju li jaqgħu taħt l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(1)(38) tal-Liġi dwar il-VAT. B'mod alternattiv, il-funzjoni predominanti hija l-hedging ta' riskju ta' kreditu, f'liema każ dawn is-servizzi għandhom jaqgħu taħt l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 43(1)(39) tal-Liġi dwar il-VAT.

12. Permezz ta' deċiżjoni fiskali tat-30 ta' Diċembru 2015, il-Ministru għall-Finanzi rrifjuta l-kontenzjonijiet tal-fond ta' investiment. Huwa qies li t-tranżazzjonijiet deskritti mir-rikorrent fit-talba tiegħu għal deċiżjoni fiskali ma kinux jaqgħu fi ħdan xi eżenzjoni ta' VAT prevista fl-Artikolu 43(1)(38) u (39) tal-Liġi dwar il-VAT. Għalhekk, is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti mill-fond ta' investiment skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni kienu suġġetti għall-VAT bir-rata bażika ta' 23 %.

13. Il-fond ta' investiment ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni fiskali tat-30 ta' Diċembru 2015 quddiem il-Wojewódzki Sąd Administracyjny w Warszawie (il-Qorti Amministrattiva Provinċjali, Varsavja, il-Polonja) li, permezz ta' sentenza tal-25 ta' Mejju 2017, annullat id-deċiżjoni fiskali. Hija qieset li l-għan ta' kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni huwa sabiex jiġi żgurat li l-oriġinatur ikollu aċċess għall-finanzjament, filwaqt li l-oriġinatur jibqa' ħieles li juża dan il-finanzjament kif jidhirlu xieraq. Inkambju talli l-fondi jsiru disponibbli lill-bank, il-fond ta' investiment jirċievi r-rikavati mir-riċevibbli li huma suġġetti għall-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni. Dawn ir-rikavati huma simili għall-interess imħallas skont kuntratt ta' self. Għaldaqstant, dik il-qorti ddeċidiet li l-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni jikkostitwixxi strument finanzjarju simili għal kuntratt ta' self fi ħdan il-kamp tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(1)(38) tal-Liġi dwar il-VAT.

14. Ix-Szef Krajowej Administracji Skarbowej (il-Kap tal-Amministrazzjoni Fiskali Nazzjonali, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"Awtorità Fiskali") ppreżenta appell minn dik is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju – in-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema).

15. Skont il-qorti tar-rinviju, minn perspettiva ekonomika, ma hemm l-ebda dubju li s-servizzi previsti skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni jikkostitwixxu strument finanzjarju, minħabba li l-għan prinċipali tagħhom huwa li jippermettu lill-oriġinatur sabiex juża l-fondi li tqegħdulu għad-dispożizzjoni tiegħu. L-oriġinatur, inkambju, għandu jittrasferixxi r-rikavati mir-riċevibbli suġġetti għal dan il-kuntratt lis-sottoparteċipant.

16. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni huwa simili għal kuntratt ta' self, fejn min jissellef jixtri fondi mingħand min isellef u jikkommetti ruħu li jħallashom lura wara ċertu perijodu. Il-ħlas li s-sottoparteċipant jirċievi skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni jammonta għad-differenza bejn l-ammont li huwa ħallas lill-oriġinatur u l-ammont li huwa jikseb matul it-terminu tal-kuntratt fil-forma ta' rikavati mir-riċevibbli. B'mod kunċettwali, il-vantaġġ ekonomiku riċevut mis-sottoparteċipant jikkorrispondi għall-mekkaniżmu ta' interess f'kuntratt ta' self.

17. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tinnota li l-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni għandu ċerti karatteristiċi li jiddistingwixxuh minn kuntratt ta' self, bħall-fatt li s-self sottostanti jibqa' fl-assi tal-oriġinatur u li l-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni kjarament jiddefinixxi s-sors li ser jintuża għas-sodisfazzjon tas-sottoparteċipant. Addizzjonalment, fil-każ ta' inadempjenza mid-debitur tal-oriġinatur, is-sottoparteċipant ma għandu l-ebda jedd kontra l-oriġinatur fir-rigward tal-ammonti dovuti rimanenti.

18. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar jekk il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni jistax jiġi ttrattat, għall-finijiet tal-VAT, b'mod simili għal kreditu jew kuntratt ta' self.

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 135(1)(b) tad-[Direttiva 2006/112/KE] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni għat-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw l-għoti u n-negozjar ta' kreditu jew l-immaniġġjar tal-kreditu, tapplika għall-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni deskritt fil-kawża prinċipali?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20. Id-deċiżjoni tar-rinviju, bid-data tas-27 ta' Ottubru 2020, kienet riċevuta mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' April 2021.

21. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Awtorità Fiskali, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet sabiex jingħataw tweġiba bil-miktub, li l-Awtorità Fiskali u l-Kummissjoni wieġbu għalihom fl-24 ta' Frar 2022. L-Awtorità Fiskali, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni ppreżentaw sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2022.

IV. Evalwazzjoni

22. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni li huwa jistabbilixxi għat-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw l-għoti, in-negozjar, u l-immaniġġjar ta' kreditu tapplikax għall-provvista ta' servizzi pprovduti skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn is-sottoparteċipant jaqbel li jħallas lill-oriġinatur ammont bil-quddiem inkambju tal-kisba, matul id-dewmien ta' dan il-kuntratt, tar-rikavati mir-riċevibbli tas-self prinċipali mogħti lid-debitur prinċipali. Il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi, essenzjalment, jekk il-benefiċċji tat-tranżazzjoni li jinkisbu mis-sottoparteċipant jaqgħux taħt waħda mill-eżenzjonijiet mogħtija minn din id-dispożizzjoni.

23. Qabel ma neżamina din id-domanda, jiena ser nagħmel dawn it-tliet osservazzjonijiet li ġejjin. L-ewwel, l-Artikolu 137(1)(a) tad-Direttiva 2006/112 jipprevedi li Stati Membri jistgħu jħallu lil persuni taxxabbli dritt ta' għażla għat-tassazzjoni fir-rigward tat-tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 135(1)(b) sa (g) ta' din id-direttiva. Madankollu, jidher impliċitu mid-domanda preliminari magħmula li, f'din il-kawża, l-għażla għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 137(1)(a) ta' din id-direttiva ma kinitx eżerċitata [5].

[5] L-Artikolu 137(1)(a) tad-Direttiva 2006/112 jipprevedi li Stati Membri jistgħu jħallu lil persuni taxxabbli dritt ta' għażla għat-tassazzjoni fir-rigward ta' tranżazzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 135(1)(b) sa (g) ta' din id-direttiva.

24. It-tieni, l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 jikkonċerna tliet kategoriji ta' eżenzjoni, jiġifieri, l-għoti, in-negozjar u l-immaniġġjar tal-kreditu. Madankollu, huwa maqbul li hija biss l-eżenzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni li tirrigwarda l-"għoti […] ta' kreditu" li hija rilevanti għal dawn il-finijiet, għaliex huwa ċar li t-tranżazzjoni inkwistjoni la tinvolvi n-"negozjar" u lanqas l-"immaniġġjar tal-kreditu".

25. It-tielet, minħabba li s-suġġett tal-kawża prinċipali jikkonċerna deċiżjoni fiskali fir-rigward ta' tranżazzjoni futura, u mhux għal talba fiskali speċifika fir-rigward ta' tranżazzjoni tal-passat, it-talba għal deċiżjoni preliminari tiddeskrivi t-tranżazzjoni inkwistjoni f'termini pjuttost ġenerali. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub u orali tagħhom, il-partijiet għamlu riferiment għall-qafas legali Pollakk rilevanti u għal xi aspetti ġenerali ta' tranżazzjoni skont dan il-qafas. Madankollu, għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, jidher li ċertu ammont ta' informazzjoni huwa nieqes u l-qorti tar-rinviju għandha taċċerta n-natura eżatta tat-tranżazzjoni inkwistjoni.

26. Sabiex nirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-qorti nazzjonali, huwa neċessarju li jiġi stabbilit jekk it-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix tranżazzjoni suġġetta għall-VAT. Sussegwentement, jiena għandi nittratta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, billi nuża l-metodi klassiċi ta' interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

A. Tranżazzjoni suġġetta għall-VAT

27. Sabiex nibda, niddikjara li, skont l-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112, il-provvista ta' servizzi bi ħlas, fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali għandha tkun suġġetta għall-VAT [6].

28. Fl-opinjoni tiegħi, huwa ċar li r-rekwiżit li jirrelata mal-persuna taxxabbli ma huwiex inkwistjoni f'din il-kawża minħabba li l-fond ta' investiment qiegħed jaġixxi waqt l-attività ekonomika tiegħu, għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112 [7]. Fir-rigward tar-rekwiżit ta' ħlas, filwaqt li ma huwiex ikkontestat li t-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni prevista mill-fond ta' investiment ser titwettaq "bi ħlas", din il-klassifikazzjoni hija inqas evidenti f'din il-kawża minħabba l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

29. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li provvista ta' servizzi ssir "bi ħlas" fis-sens tal-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112, u għalhekk hija suġġetta għall-VAT, biss jekk hemm *rabta diretta* bejn is-servizzi pprovduti u l-ħlas irċevut mill-persuna taxxabbli [8].

30. Tali rabta diretta hija stabbilita jekk ikun hemm relazzjoni ġuridika bejn il-fornitur tas-servizz u l-benefiċjarju li skontha hemm eżekuzzjoni reċiproka, fejn ir-remunerazzjoni rċevuta mill-fornitur tas-servizz tikkostitwixxi l-ħlas reali mogħti inkambju għas-servizz ipprovdut

[6] L-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2006/112 jiddefinixxi l-provvista ta' servizzi bħala: "kwalunkwe operazzjoni li ma tikkostitwix provvista ta' merkanzija".

[7] Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112, persuna taxxabbli tinftiehem li hija kull persuna li b'mod indipendenti twettaq fi kwalunkwe post tali attività ekonomika.

[8] Sentenzi tas-7 ta' Ottubru 2010, Loyalty Management UK u Baxi Group (C-53/09 u C-55/09, EU:C:2010:590, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tas-26 ta' Settembru 2013, Serebryannay vek (C-283/12, EU:C:2013:599, punt 37).

lill-benefiċjarju[9]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għall-finijiet ta' determinazzjoni dwar jekk provvista ta' servizzi saritx bi ħlas, ma huwiex rilevanti jekk ir-remunerazzjoni ssirx fil-forma ta' ħlas ta' kummissjoni jew miżati speċifiċi[10].

31. Fil-każ tal-kawża prinċipali, huwa ċar mill-fajl ipprovdut lill-Qorti tal-Ġustizzja li, skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm relazzjoni ġuridika reċiproka bejn is-sottoparteċipant u l-oriġinatur.

32. Fl-istadju tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, l-eżekuzzjoni reċiproka tinvolvi l-ħlas ta' ammont bil-quddiem mis-sottoparteċipant lill-oriġinatur, li sussegwentement jaqbel li jittrasferixxi lis-sottoparteċipant ir-rikavati mir-riċevibbli tas-self prinċipali. Għalhekk, jidhirli li s-sottoparteċipant għandu jkun ikkumpensat talli pprovda servizz li bih huwa jipprovdi likwidità lill-oriġinatur u jipprovdi protezzjoni kontra riskju ta' kreditu assoċjat mal-iskopertura tas-self sottostanti. Ir-remunerazzjoni tas-sottoparteċipant għat-tranżazzjoni hija d-differenza bejn l-ammont li huwa ħallas bil-quddiem u l-ammont tar-rikavati mir-riċevibbli li l-oriġinatur jittrasferixxi lis-sottoparteċipant. Meta jidħol f'tali kuntratt, is-sottoparteċipant jistenna li l-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ ammonti jkun inqas mit-tieni.

33. Madankollu, għandi ninnota li, fl-istadju ta' meta l-kuntratt jitwettaq, l-eżekuzzjoni mill-oriġinatur tiddependi mill-eżekuzzjoni tad-debitur prinċipali, li jagħmel dan il-fluss finanzjarju dipendenti fuq terz li ma huwiex marbut b'mod dirett mal-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni[11]. Madankollu, għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' remunerazzjoni, dan il-fatt ma għandu l-ebda rilevanza bħala tali.

34. Tajjeb li jiġi nnotat li, fir-rigward tal-akkwist ta' riċevibbli, kien hemm żewġ kawżi notevoli: MKG-Kraftfahrzeuge-Factoring[12] u GFKL Financial Services[13]. Fl-ewwel kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tranżazzjoni li biha negozju jixtri dejn, u b'hekk jassumi r-riskju tal-inadempjenza tad-debituri, inkambju għar-remunerazzjoni, tikkostitwixxi l-kollezzjoni u l-irkupru ta' dejn li huma eskluži mill-eżenzjoni stabbilita mill-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva (preżentement l-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112)[14].

35. Fil-Kawża GFKL Financial Services[15], il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat xirja ta' dejn inadempjenti minn operatur. Hija ddeċidiet li operatur li jixtri, b'riskju għalih, dejn inadempjenti bi prezz inqas mill-valur nominali tiegħu ma jipprovdix servizzi bi ħlas u ma jwettaqx attività ekonomika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sitt Direttiva meta d-differenza bejn il-valur nominali ta' dan id-dejn u l-prezz tax-xiri tiegħu tirrifletti l-valur ekonomiku effettiv tad-dejn inkwistjoni fil-mument tal-assenzjazzjoni tiegħu[16].

9 Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, Hedqvist (C-264/14, EU:C:2015:718, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Sentenza tal-14 ta' Lulju 1998, First National Bank of Chicago (C-172/96, EU:C:1998:354, punt 33).

11 Din il-kwistjoni ser tiġi ttrattata fil-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, MKG-Kraftfahrzeuge-Factoring (C-305/01, EU:C:2003:377).

13 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 (C-93/10, EU:C:2011:700). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), li jikkorrispondi għall-Artikolu 2(1)(a) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112.

14 Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, MKG-Kraftfahrzeuge-Factoring (C-305/01, EU:C:2003:377, punt 80).

15 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 (C-93/10, EU:C:2011:700).

16 Punt 26 ta' din is-sentenza.

36. F'dan ir-rigward, huwa tajjeb li jiġi nnotat li, kif tagħmel ukoll l-awtorità fiskali fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub u l-partijiet fis-seduta, li ċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża huma ferm differenti minn dawk li wasslu għas-sentenza GFKL Financial Services [17].

37. L-ewwel, il-kawża inkwistjoni ma tikkonċernax l-akkwist ta' dejn, inqas u inqas dejn inadempjenti, mill-fond ta' investiment li jaġixxi fil-kapaċità ta' sottoparteċipant, iżda aħjar trasferiment tar-rikavati li jirrigwardaw ir-riċevibbli. Fi kliem ieħor, għall-kuntrarju tal-fatti fil-Kawża GFKL Financial Services [18], is-sottoparteċipant ma jiksibx dejn inadempjenti bi prezz inqas mill-valur nominali tiegħu. Barra minn hekk, f'din il-kawża, ma hemm l-ebda bidla fit-talba nnifisha, li jfisser, li skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni, l-oriġinatur ta' sottoparteċipazzjoni jibqa' kreditur tad-debitur prinċipali, filwaqt li s-sottoparteċipant jikseb mill-oriġinatur sempliċement dritt għall-ħlas tal-ammonti ttrasferiti lill-oriġinatur mid-debitur prinċipali skont ir-relazzjoni ta' self oriġinali.

38. It-tieni, f'din il-kawża, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk hemmx provvista ta' servizzi lill-oriġinatur, mhux biss is-sottoparteċipant jixtri l-merkanzija (ir-rikavati mir-riċevibbli) ta' portafoll ta' self, iżda huwa jimpenja ruħu wkoll li jieħu r-riskju tal-inadempjenza tad-debitur prinċipali, u fl-istess ħin ma jkollu l-ebda dritt li jħarrek lill-oriġinatur għal dan in-nuqqas. Konsegwentement, jidher li l-oriġinatur jikseb vantaġġ li jmur lil hinn minn sempliċi dħul tal-valur nominali tar-riċevibbli ta' portafoll ta' self.

39. It-tielet, it-talbiet li kienu inkwistjoni fil-proċeduri li wasslu għas-sentenza fil-kawża GFKL Financial Services [19] ikkostitwixxew dejn inadempjenti, filwaqt li l-oġġett tal-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni huwa self li għadu ma huwiex dovut u li għalhekk l-irkupru tiegħu ma jistax ikun iddeterminat fil-mument tal-eżekuzzjoni tal-ħlas bil-quddiem mis-sottoparteċipant.

40. Għalhekk, filwaqt li hija l-qorti nazzjonali li għandha taċċerta jekk hemmx rabta diretta bejn is-servizz ipprovdut u l-ħlas, għall-finijiet tal-analiżi li ġejja jiena nadotta l-ħsieb li hemm provvista speċifika ta' servizzi pprovduta mis-sottoparteċipant skont il-kuntratt tas-sottoparteċipazzjoni inkwistjoni. L-oriġinatur jikkumpensa lis-sottoparteċipant billi jittrasferixxi r-rikavati mir-riċevibbli tas-self oriġinali. It-tranżazzjoni inkwistjoni tinvolvi provvista ta' servizzi bi ħlas li għandha rabta diretta ma' din il-provvista għall-finijiet tal-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112, li tagħmilha tranżazzjoni suġġetta għall-VAT.

41. Issa ser nirritorna sabiex neżamina jekk is-servizzi pprovduti mis-sottoparteċipant jaqgħux taħt l-eżenzjoni pprovduta fl-Artikolu 135(1)(b) ta' din id-direttiva.

[17] Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 (C-93/10, EU:C:2011:700).

[18] *Ibid.*

[19] *Ibid.*

B. Interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112

1. Il-prinċipji tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112

42. L-ewwel, għandu jitfakkar li l-eżenzjonijiet indikati fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 huma kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni li għandhom l-għan li jevitaw diverġenzi fl-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT minn Stat Membru għal ieħor u li għandhom jitpoġġew fil-kuntest ġenerali tas-sistema komuni tal-VAT [20].

43. It-tieni, it-termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati b'mod strett, minħabba li dawn l-eżenzjonijiet jikkostitwixxu derogi mill-prinċipju ġenerali li l-VAT tinġabar fuq kull provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas minn persuna taxxabbli [21]. Madankollu, dik ir-regola ta' interpretazzjoni stretta ma tfissirx li l-kliem użat sabiex jiġu speċifikati dawk l-eżenzjonijiet għandu jinftiehem b'mod li jċaħħadhom mill-effett intiż tagħhom [22].

44. It-tielet, l-interpretazzjoni tal-eżenzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq għandha tkun konsistenti mal-għanijiet li jridu jintlaħqu mill-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 u għandha tosserva r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT [23]. Isegwi mill-prinċipju tal-aħħar li operaturi għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-mudell ta' organizzazzjoni li, mill-perspettiva strettament ekonomika, jaqblilhom l-aħjar, mingħajr ir-riskju li t-tranżazzjonijiet tagħhom jiġu esklużi mill-eżenzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni [24].

45. Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet indikati iktar 'il fuq li d-domanda dwar jekk is-servizzi pprovduti skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet eżentati indikati fl-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 għandha tkun eżaminata.

2. Il-kunċett tal-"għoti […] ta' kreditu" għall-finijiet tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112

46. Skont ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jitqies mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest li fih isseħħ u l-għanijiet li jridu jintlaħqu mir-regoli li magħhom huma jagħmlu parti [25]. Huwa għalhekk neċessarju li ssir interpretazzjoni letterali, sistematika u teleoloġika tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112, billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda dan l-artikolu u l-prinċipji ta' interpretazzjoni li jirregolaw is-sistema komuni tal-VAT [26].

[20] Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS (C-5/17, EU:C:2018:592, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK) (C-231/19, EU:C:2020:513, punt 21).

[21] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2018, Mailat (C-17/18, EU:C:2018:1038, punt 37), u tat-8 ta' Ottubru 2020, United Biscuits (Pensions Trustees) u United Biscuits Pension Investments (C-235/19, EU:C:2020:801, punt 29).

[22] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-18 ta' Novembru 2004, Temco Europe (C-284/03, EU:C:2004:730, punt 17); u tal-21 ta' Frar 2013, *Žamberk* (C-18/12, EU:C:2013:95, punt 19).

[23] Sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, Termas Sulfurosas de Alcafache (C-513/20, EU:C:2022:18, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[24] Sentenza tat-2 ta' Lulju 2020, Blackrock Investment Management (UK) (C-231/19, EU:C:2020:513, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, Ben Alaya (C-491/13, EU:C:2014:2187, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[26] Ara l-punti 42 sa 45 indikati iktar 'il fuq.

a) Interpretazzjoni letterali

1) Il-ġurisprudenza li tikkonċerna l-espressjoni "għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112

47. Hija ġurisprudenza stabbilita sewwa li l-espressjoni "għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' b'tali mod li l-portata tagħha ma tistax tiġi limitata biss għas-self u għall-krediti mogħtija minn korpi bankarji u finanzjarji [27].

48. Barra minn hekk, fil-Kawża Muys' en De Winter's Bouw- en Aannemingsbedrijf [28], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-espressjoni indikata iktar 'il fuq inkludiet kreditu mogħti minn fornitur ta' merkanzija fil-forma ta' differiment ta' ħlas [29]. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat b'mod simili [30] li l-"għoti […] ta' kreditu" jikkonsisti, *inter alia*, fil-provvista ta' kapital inkambju għal remunerazzjoni [31]. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li jekk tali remunerazzjoni hija ggarantita bil-ħlas ta' interessi, forom oħra ta' ħlas ma jistgħux jiġu esklużi. Għalhekk, ġie deċiż li l-finanzjament bil-quddiem tax-xirja ta' merkanzija inkambju għal żieda fl-ammont rimborsat mill-benefiċjarju ta' dan il-finanzjament jaqa' fl-eżenzjoni indikata [32]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għoti ta' "kreditu" jikkonsisti "fit-tpoġġija fid-dispożizzjoni ta' kapital, debitament imħallas bl-għoti ta' interessi jew bi ħlas iddifferit tal-prezz tax-xiri ta' oġġett aċċettat minn fornitur, bil-ħlas ta' interessi sabiex jitħallas dan il-kreditu" [33].

49. F'dan ir-rigward, jiena għandi nenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tranżazzjonijiet eżentati skont l-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, inkluż dawk li jaqgħu taħt il-punt (b), huma ddefiniti skont *in-natura* tas-servizzi pprovduti u mhux skont il-persuna li tipprovdi jew tirċievi s-servizz, sabiex l-applikazzjoni ta' dawn l-eżenzjonijiet ma tkunx tiddependi fuq l-istatus tal-entità li tipprovdi dawn is-servizzi [34]. Fi kliem ieħor, l-eżenzjoni ma hijiex suġġetta għar-rekwiżit li t-tranżazzjoni inkwistjoni għandha titwettaq minn ċertu tip ta' istituzzjoni jew persuna ġuridika, iżda għar-rekwiżit li tali tranżazzjoni tkun, min-natura tagħha stess, l-għoti jew in-negozjar ta' kreditu.

50. Sabiex niġbor fil-qosor, għall-finijiet tal-eżentar ta' tranżazzjoni skont l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ elementi kumulattivi: kapital u remunerazzjoni talli jsir disponibbli dan il-kapital, li mingħajrhom l-eżenzjoni ma tapplikax.

[27] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2019, Vega International Car Transport and Logistic (C-235/18, EU:C:2019:412, punt 44), u tat-18 ta' Ottubru 2018, Volkswagen Financial Services (UK) (C-153/17, EU:C:2018:845, punt 35).

[28] Sentenza tas-27 ta' Ottubru 1993 (C-281/91, EU:C:1993:855).

[29] *Ibid*., punt 13. Ara wkoll is-sentenzi tad-29 ta' April 2004, EDM (C-77/01, EU:C:2004:243), u tat-8 ta' Diċembru 2016, Stock '94 (C-208/15, EU:C:2016:936).

[30] Huwa importanti li jiġi nnotat li fil-punt 38 tas-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, Paulo Nascimento Consulting (C-692/17, EU:C:2019:867), il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċita l-punt 61 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, li jirreferi għall-punt 12 *et seq*. tas-sentenza fil-Kawża Muys' en De Winter's Bouw- en Aannemingsbedrijf tas-27 ta' Ottubru 1993 (C-281/91, EU:C:1993:855).

[31] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, Paulo Nascimento Consulting (C-692/17, EU:C:2019:867, punt 38).

[32] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Vega International Car Transport and Logistic (C-235/18, EU:C:2019:412, punti 47 u 48).

[33] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, Paulo Nascimento Consulting (C-692/17, EU:C:2019:867, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[34] Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Vega International Car Transport and Logistic (C-235/18, EU:C:2019:412, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

2) Ir-relazzjoni bejn is-servizzi deskritti

51. Jidher mill-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja li t-tranżazzjoni inkwistjoni hija ta' natura kompożita, li tikkonsisti f'li jsir disponibbli kapital mis-sottoparteċipant lill-oriġinatur u ta' dan tal-aħħar li jittrasferixxi r-rikavati mir-riċevibbli u r-riskju ta' kreditu inadempjenti lis-sottoparteċipant. Dawn l-elementi jidhru li huma indispensabbli għall-implimentazzjoni tat-tranżazzjoni globali u huma magħquda.

52. Għalhekk, huwa neċessarju li titwettaq analiżi dwar jekk ir-rikavati mir-riċevibbli li s-sottoparteċipant jikseb mill-oriġinatur jikkostitwixxux ħlas għall-provvista ta' kapital [35]. Jidher mid-deċiżjoni tar-rinviju li r-remunerazzjoni tas-sottoparteċipant tikkonsisti fid-differenza bejn il-valur stmat tar-riċevibbli, li jidher li jikkorrispondi għall-valur nominali tagħhom, u l-ammont imħallas bil-quddiem mis-sottoparteċipant lill-oriġinatur.

53. Madankollu, tajjeb li jiġi nnotat li l-ġurisprudenza ma tispeċifikax jekk il-ħlas inkwistjoni għandux ikun analizzat mill-perspettiva tal-oriġinatur, tas-sottoparteċipant jew tat-tnejn li huma. Pereżempju, filwaqt li l-oriġinatur jista' jkun li jkun jixtieq inaqqas l-iskopertura għar-riskju tiegħu, jiddiversifika l-portafoll tas-self tiegħu u/jew joħroġ kapital regolatorju, l-għan tas-sottoparteċipant jista' jkun li jikseb rikavati mid-dejn prinċipali mingħajr ma jkun il-proprjetarju reali ta' dan id-dejn u mingħajr ma jkollu xi relazzjoni ma' debitur prinċipali partikolari, u b'hekk jevita l-immaniġġjar tat-twettiq tas-self.

54. Fl-opinjoni tiegħi, minħabba li l-kliem tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 jissuġġerixxi li l-enfasi għandha tkun fuq in-natura tat-tranżazzjoni [36], huma r-realtajiet ekonomiċi u kummerċjali li jikkostitwixxu kriterju fundamentali għall-applikazzjoni tas-sistema komuni tal-VAT [37]. Għalhekk, sabiex il-provvista ta' servizz, bħal dik imwettqa mis-sottoparteċipant, titqies bħala l-għoti ta' "kreditu", eżentata skont din id-dispożizzjoni, din il-provvista għandha tifforma unità distinta li għandha bħala effett li tissodisfa l-funzjonijiet speċifiċi u essenzjali ta' tali tranżazzjoni [38]. Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita sewwa li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni *kemm* l-għan ekonomiku ta' din it-tranżazzjoni kif ukoll l-interessi tal-benefiċjarji tal-provvisti [39].

55. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju tiddikjara li s-servizz ipprovdut mis-sottoparteċipant għandu għan ekonomiku doppju, li huwa l-finanzjament tas-self oriġinali u t-trasferiment tar-riskju tal-kreditu.

3) Il-finanzjament tas-self oriġinali

56. Il-qorti tar-rinviju tinnota li t-tranżazzjoni inkwistjoni sservi sabiex tiffinanzja s-self oriġinali [40]. Fil-fehma tiegħi, l-espressjoni l-"għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 hija wiesgħa b'mod suffiċjenti sabiex tinkludi ħlas magħmul minn

35 Ara l-punti 48 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Ara, permezz ta' analoġija, il-kawżi ċċitati mill-Avukat Ġenerali Szpunar fil-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawża Volkswagen (C-153/17, EU:C:2018:305, punti 68 sa 74).

37 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, MEO – Serviços de Comunicações e Multimedia (C-295/17, EU:C:2018:942, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Ara, permezz ta' analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, FRANCK (C-801/19, EU:C:2020:1049, punt 45).

39 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2016, Stock '94 (C-208/15, EU:C:2016:936, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Għandu jkun innotat li l-materjal ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jiddikjarax kjarament jekk is-self oriġinali huwiex self futur jew preżenti. Is-seduta ma solvitx din il-problema.

oriġinatur lil sottoparteċipant, jekk dan il-ħlas jista' jikkostitwixxi remunerazzjoni inkambju għall-provvista ta' kapital. Barra minn hekk, jekk dan il-ħlas jikkostitwixxix interess jew forma oħra ta' ħlas ma huwiex rilevanti għall-finijiet ta' tali determinazzjoni. Jiena nsibha sinjifikattiva li d-deċiżjoni tar-rinviju tiddikjara li, bħala prinċipju, l-ammont imħallas mis-sottoparteċipant huwa inqas mill-ammont li huwa jirċievi permezz ta' trasferimenti sussegwenti tar-rikavati magħmula mill-oriġinatur. Bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, jidher li d-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti fil-fatt tikkostitwixxi remunerazzjoni riċevuta mis-sottoparteċipant talli għamel il-kapital tiegħu disponibbli u għalhekk tista titqies "għoti" ta' "kreditu", kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, jekk din ir-remunerazzjoni tinkludi wkoll is-servizz li jiġi assunt ir-riskju ta' kreditu ta' ċerti tipi ta' skoperturi, jista' jiġi argumentat li l-għan oġġettiv tat-tranżazzjoni huwa iktar milli sempliċement ikun iffinanzjat l-oriġinatur.

4) It-trasferiment tar-riskju fir-rigward tas-self sottostanti

57. Mill-perspettiva tal-oriġinatur, li lilu jiġu pprovduti s-servizzi u li l-interessi tiegħu huma kriterju fundamentali [41], it-tranżazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi għodda għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu fir-rigward ta' self sottostanti jew portafoll ta' self lis-sottoparteċipant.

58. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni jħaddem mekkaniżmu għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu mill-oriġinatur lis-sottoparteċipant minħabba li tal-aħħar jaqbel li jieħu r-riskju ta' telf potenzjali tal-oriġinatur fir-rigward tas-self oriġinali [42]. Għalhekk jista' jitqies li l-għan essenzjali tat-tranżazzjoni inkwistjoni huwa li jiġi ttrasferit ir-riskju li jirrigwarda s-self oriġinali [43]. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li, inkambju għal ħlas bil-quddiem mis-sottoparteċipant, l-oriġinatur jaqbel li jittrasferixxi r-rikavati mir-riċevibbli lis-sottoparteċipant, li eventwalment jieħu t-telf *kollu* fil-każ ta' inadempjenza fil-ħlas [44]. Minħabba li s-self oriġinali ma huwiex mibjugħ u jibqa' fuq il-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur, wieħed jista' saħansitra jargumenta li, mill-perspettiva tal-oriġinatur, l-għanijiet tal-kuntratt tas-sottoparteċipazzjoni inkwistjoni huma primarjament l-immaniġġjar tal-kreditu u tar-riskju tal-kapital. B'mod ġenerali, huwa aċċettat b'mod wiesa' li t-titolizzazzjoni, li għaliha hija simili t-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni, tikkostitwixxi, flimkien mal-bejgħ tas-self jew assigurazzjoni mill-ġdid, mekkaniżmu ta' mmaniġġjar tar-riskju [45].

59. F'din il-kawża, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tat-tranżazzjoni inkwistjoni, jekk l-immaniġġjar tar-riskju jistax jitqies fis-sens li jikkostitwixxi l-element essenzjali tas-servizzi pprovduti mis-sottoparteċipant.

60. F'dan ir-rigward, insibha sinjifikattiva li l-ħlas magħmul mill-oriġinatur skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni jiddependi fuq it-twettiq mid-debitur prinċipali. Jekk tal-aħħar jonqos minn dan, tal-ewwel ma jistax jittrasferixxi l-ħlas lis-sottoparteċipant, li, min-naħa tiegħu, ma jirċevix l-ammont maqbul meta sar il-kuntratt. F'dan ir-rigward, żewġ elementi jiddistingwu t-tranżazzjoni inkwistjoni minn kuntratt ta' kreditu "tradizzjonali". L-ewwel, hija l-assenza ta' talba mressqa kontra d-debitur prinċipali mis-sottoparteċipant li tikkaratterizza n-natura

[41] Ara l-punt 54 iktar 'il fuq.

[42] Ara l-Artikolu 183(4) tal-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment.

[43] Uħud mill-metodi ta' trasferiment tas-self jistgħu jkunu novazzjoni, assenjazzjoni u parteċipazzjoni jew sottoparteċipazzjoni, li jistgħu jkunu ffinanzjati jew mhux iffinanzjati.

[44] Tali trasferiment isir minħabba li l-Artikolu 183(4) tal-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment jipprevedi obbligu li lis-sottoparteċipant jintbagħtulu r-rikavati kollha mir-riċevibbli titolizzati, l-ammonti prinċipali tar-riċevibbli titolizzati u l-ammonti riċevuti mir-realizzar tal-kollaterali li jirrigwarda r-riċevibbli titolizzati.

[45] L-OECD, *Facilitating Access to Finance – Discussion Paper on Credit Guarantee Schemes*, OECD Publishing, 2010.

trijangulari tat-tranżazzjoni inkwistjoni, minħabba li s-sottoparteċipant ma għandu l-ebda dritt li jfittex is-self inadempjenti. It-tieni, skont kuntratt ta' kreditu "tradizzjonali" huwa komuni għad-debitur li jkollu jipprovdi garanziji u kollaterali. B'mod ġenerali, id-deċiżjonijiet dwar self tal-banek għandhom it-tendenza li jkunu bbażati fuq l-ammont tal-kollaterali disponibbli [46]. Madankollu, fit-tranżazzjoni inkwistjoni, ma hemm l-ebda garanzija sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' telf għas-sottoparteċipant fil-każ ta' inadempjenza mid-debitur prinċipali [47].

61. Minħabba l-għan doppju tat-tranżazzjoni inkwistjoni u l-karatteristiċi prinċipali tagħha, jiena tal-opinjoni li t-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni għandha tiġi distinta mit-tranżazzjoni li kienet inkwistjoni fil-Kawża FRANCK [48]. Din it-tranżazzjoni kkonċernat kumpannija kummerċjali involuta fit-trasformazzjoni tat-te u l-kafè, li qiegħdet fondi għad-dispożizzjoni ta' katina ta' bejgħ bl-imnut permezz tal-konklużjoni simultanja ta' tliet tipi ta' kuntratti. Minħabba li l-għan ekonomiku ta' din it-tranżazzjoni kien li jiġu ssodisfatti l-bżonnijiet f'kapital ta' din il-katina ta' bejgħ bl-imnut [49], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, bla ħsara għall-verifika mill-qorti nazzjonali, li l-benefiċċju prinċipali kien li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' din il-katina ta' bejgħ bl-imnut, il-fondi li l-kumpannija kummerċjali kienet kisbet minn kumpannija ta' fatturament. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-servizzi l-oħrajn ipprovduti mill-kumpannija fl-eżekuzzjoni tat-tliet tipi ta' kuntratti kienu anċillari għal dan is-servizz prinċipali, peress li ma għandhomx xi għan differenti. Huwa ċar li t-tranżazzjoni inkwistjoni fi FRANCK, għall-kuntrarju tat-tranżazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, ma kinitx tinvolvi trasferiment ta' riskju, iżda setgħet tikkostitwixxi, bla ħsara għall-verifika mill-qorti nazzjonali, l-"għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112.

5) Konklużjoni interim

62. L-għan doppju tat-tranżazzjoni inkwistjoni – il-finanzjament tas-self prinċipali u l-immaniġġjar ta' riskju tal-kreditu mill-oriġinatur – huma servizzi indiviżibbli u, bla ħsara għall-verifika tal-qorti tar-rinviju, l-ebda wieħed minn dawn is-servizzi ma jistgħu jitqiesu fis-sens li jikkostitwixxu servizz prinċipali jew servizz anċillari. Filwaqt li dawn iż-żewġ servizzi jistgħu jiġu offruti separatament, huwa ċar li skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni, il-ħlas tal-ammont bil-quddiem jikkostitwixxi remunerazzjoni għall-kisba tar-rikavati mir-riċevibbli li huma sussegwentement ittrasferiti mill-oriġinatur lis-sottoparteċipant. L-oriġinatur jista' wkoll jaqbel li jittrasferixxi dawn ir-rikavati inkambju għar-riskju li huwa ttrasferit lis-sottoparteċipant. Konsegwentement, jiena tal-opinjoni li t-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni, minħabba li sservi bħala mezz ta' finanzjament u bħala metodu ta' trasferiment ta' riskju fir-rigward tas-self oriġinali, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-VAT fit-totalità tagħha biss [50].

[46] *Ibid.*

[47] Din l-evalwazzjoni hija sostnuta mid-definizzjoni ta' "kuntratt ta' kreditu" skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2021/2167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2021 dwar is-servizzjanti tal-kreditu u x-xerrejja tal-kreditu u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE, (ĠU 2021, L 438, p. 1), li hija "kuntratt kif oriġinarjament maħruġ, immodifikat jew mibdul, li bih istituzzjoni ta' kreditu tagħti kreditu fil-forma ta' pagament differit, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra". Isegwi li l-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu", imfisser f'din id-dispożizzjoni, huwa partikolarment wiesa'. Tali definizzjoni tista', fl-opinjoni tiegħi, tkopri kuntratt bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, li jipprovdi għal kapital inkambju tal-ħlas iddifferit. Madankollu, għal darba oħra, ma jinkludix it-trasferiment tar-riskju, li huwa parti fundamentali tal-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni.

[48] Sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020 (C-801/19, EU:C:2020:1049).

[49] Punt 28 tas-sentenza fil-Kawża FRANCK.

[50] Ara, permezz ta' analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank (C-44/11, EU:C:2012:484, punt 43).

63. Għaldaqstant, jiena għandi l-ħsieb li, għalkemm is-servizz ta' finanzjament tas-self jista' jaqa' fi ħdan il-kliem tal-"għoti […] ta' kreditu" u għalhekk l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112, l-istess, b'kuntrast, ma huwiex minnu għas-servizz ipprovdut mis-sottoparteċipant li jikkonsisti fit-teħid tar-riskju fil-każ ta' inadempjenza mid-debitur prinċipali. Madankollu, minħabba li xejn fil-kliem tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 ma jissuġġerixxi jekk servizz li jikkostitwixxi t-teħid tar-riskju ta' kreditu ttrasferit mill-oriġinatur lis-sottoparteċipant jikkostitwixxix għoti ta' "kreditu", dan il-punt għandu jkun ikkjarifikat b'riferiment għall-iskema u l-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni.

b) Interpretazzjoni sistematika

1) L-iskema tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112

64. Minn perspettiva sistematika, għandu jkun innotat li l-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 jirreferi għal sensiela ta' tranżazzjonijiet u negozji finanzjarji u bankarji differenti li jikkonċernaw krediti, strumenti negozjabbli u titoli, li jistgħu jagħtu indikazzjoni dwar kif wieħed għandu jinterpreta l-espressjoni "għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni. Jiġifieri, filwaqt li l-punt (d) ta' dan il-paragrafu jirreferi għal "transazzjonijet, inkluż negozjar, li jikkonċernaw kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti, ċekkijiet u strumenti oħrajn negozzjabbli […]", il-punt (f) jindika "transazzjonijiet […] f'[…] obbligazzjonijiet (debentures) u sigurtajiet oħrajn". Fil-fehma tiegħi, il-punti (a), (ċ) u (e) ta' dan il-paragrafu jistgħu jkunu esklużi minn din l-analiżi, minħabba li huma jikkonċernaw oqsma, tranżazzjonijiet jew persuni li ma humiex rilevanti għall-klassifikazzjoni tat-tranżazzjoni inkwistjoni.

65. Meta analizzajt il-portata tal-punti (b), (d) u (f) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, jiena wasalt għall-konklużjoni li l-portata u l-għanijiet rispettivi tagħhom huma kemxejn differenti [51].

66. L-ewwel, fir-rigward tal-"għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112, kif diġà osservajt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan jikkonsisti f'li jsir disponibbli ammont ta' kapital, debitament remunerat bil-ħlas ta' interessi, jew bil-ħlas iddifferit tal-prezz tax-xiri ta' merkanzija maqbul minn fornitur inkambju għall-ħlas ta' interessi b'remunerazzjoni ta' dan il-kreditu [52].

67. It-tieni, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva 2006/112, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw "kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti, ċekkijiet u strumenti oħrajn negozzjabbli", jaqgħu fi ħdan il-qasam ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u jikkonċernaw, b'mod partikolari, strumenti ta' ħlas li l-funzjonament tagħhom jinvolvi trasferiment ta' flus [53]. F'sentenza reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kambjali maħruġa minn kumpannija għandhom jitqiesu

[51] Id-differenzi jistgħu jidhru fil-kliem ta' dawn il-punti. Filwaqt li l-punt (b) jittratta l-"għoti […] ta' kreditu", il-punt (d) jirreferi għal tranżazzjonijiet "li jikkonċernaw" ċerti tranżazzjonijiet bankarji u l-punt (f) jinkludi tranżazzjonijiet "f'" ċerti drittijiet u titoli (ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott f'Aspiro (C-40/15, EU:C:2015:850, punt 26); ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Aspiro (C-40/15, EU:C:2016:172, punt 29)).

[52] Punt 48 iktar 'il fuq.

[53] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Granton Advertising (C-461/12, EU:C:2014:1745, punti 36 sa 38); tat-22 ta' Ottubru 2015, Hedqvist (C-264/14, EU:C:2015:718, punt 40); u tas-26 ta' Mejju 2016, Bookit (C-607/14, EU:C:2016:355, punt 40).

"strumenti oħrajn negozzjabbli" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn huma jkun fihom obbligu fuq din il-kumpannija, bħala l-emittenti, sabiex tħallas l-ammont speċifikat lid-detentur mal-maturità tagħhom [54].

68. It-tielet, fir-rigward tal-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 135(1)(f) tad-Direttiva 2006/112, huwa biżżejjed li jitfakkar li d-dispożizzjoni tal-aħħar tkopri, *inter alia*, tranżazzjonijiet f'"ishma, interessi f'kumpanniji jew assoċjazzjonijiet, obbligazzjonijiet (debentures) u sigurtajiet oħrajn". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li titoli jagħtu dritt ta' proprjetà fuq persuni ġuridiċi u li "sigurtajiet oħrajn" għandhom jitqiesu li huma paragunabbli fin-natura tagħhom ma' titoli oħrajn speċifikament indikati f'din id-dispożizzjoni [55]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tranżazzjonijiet fuq ishma u fuq titoli oħrajn jinkludu tranżazzjonijiet fis-suq tat-titoli trasferibbli u li kummerċ tat-titoli jinvolvi miżuri li jbiddlu s-sitwazzjoni ġuridika u finanzjarja bejn il-partijiet [56]. Il-kliem "transazzjonijiet f'[…]sigurtajiet oħrajn" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jirrigwarda, għalhekk, tranżazzjonijiet li jistgħu joħolqu, jbiddlu jew jestingwu d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fuq titoli [57].

69. Fl-opinjoni tiegħi, isegwi mill-iskema tal-punti indikati iktar 'il fuq tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 li l-punt (d) tagħha jittratta pagamenti u strumenti negozjabbli [58], filwaqt li l-punt (f) jkopri, *inter alia*, investimenti [59] u tranżazzjonijiet tat-titoli, li jistgħu jinkludu trasferiment ta' riskju bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali. B'kuntrast, il-punt (b) jkopri operazzjonijiet ta' kreditu iktar tradizzjonali li jinvolvu li jsir disponibbli kapital b'remunerazzjoni. Għalhekk, jidher li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 jistgħu jkopru ċerti tipi ta' operazzjonijiet ta' kreditu, iżda ma jinkludux tranżazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment ta' riskju tal-kreditu, li jidher li jikkostitwixxi element essenzjali tat-tranżazzjoni inkwistjoni.

70. F'dan ir-rigward, hija l-qorti tar-rinviju, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li għandha tiddetermina kif it-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni hija strutturata u, fi kliem ieħor, jekk il-portafoll ta' dejn sottostanti huwiex diviż f'subordinazzjoni ta' segmenti skont il-livell ta' riskju li s-self huwa mistenni li jkun fih [60]. Fis-seduta, il-partijiet ma eliminawx il-possibbiltà li tali diviżjoni ssir, f'liema każ l-ammonti tal-ħlas bil-quddiem u/jew tar-rikavati mir-riċevibbli jiddependu fuq il-kwalità tal-portafoll tas-self u fuq l-iskopertura tar-riskju tal-kreditu ttrasferit lis-sottoparteċipant [61].

71. Kif diġà nnotajt fil-punti 55 sa 57 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidher, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, li s-servizzi pprovduti mis-sottoparteċipant skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni jikkonsistu f'żewġ elementi magħqudin flimkien li huma ta' importanza ugwali, jiġifieri, il-finanzjament tas-self oriġinali u t-trasferiment tar-riskju ta' kreditu fir-rigward tas-self oriġinali lis-sottoparteċipant. Meta jinżamm f'moħħna l-iskema ġenerali

[54] Sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, FRANCK (C-801/19, EU:C:2020:1049, punt 42).

[55] Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Granton Advertising (C-461/12, EU:C:2014:1745, punt 27).

[56] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 1997, SDC (C-2/95, EU:C:1997:278, punti 72 u 73).

[57] Sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2001, CSC Financial Services (C-235/00, EU:C:2001:696, punt 33); tad-29 ta' Ottubru 2009, AB SKF (C-29/08, EU:C:2009:665, punt 48); u tal-5 ta' Lulju 2012, DTZ Zadelhoff (C-259/11, EU:C:2012:423, punt 23).

[58] Sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, FRANCK (C-801/19, EU:C:2020:1049).

[59] Sentenza tas-6 ta' Frar 1997, Harnas & Helm (C-80/95, EU:C:1997:56, punti 16 u 18).

[60] Segment huwa porzjon minn strument finanzjarju strutturat b'riskji, premji u/jew maturità partikolari. Jista' jkun hemm ġerarkija ta' talbiet li jirrigwardaw kull segment.

[61] Pereżempju, meta oriġinatur jikseb protezzjoni ta' kreditu għal "segment subordinat" (dak li jissejjaħ segment tal-ewwel telf, li għandu riskju għoli u profil ta' premju għoli), tali titolizzazzjoni hija intiża li tnaqqas ir-rekwiżiti tal-kapital għall-bank li oriġina inkambju għal trasferiment ta' riskju lil investituri, minflok li toħloq likwidità.

tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 u l-komponent ta' trasferiment ta' riskju tal-kreditu, li jirrendu t-tranżazzjoni simili għal tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni, jiena nadotta l-fehma li t-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni ma taqax fil-kunċett tal-"għoti […] ta' kreditu" fis-sens tal-punt (b) ta' dak il-paragrafu. Li kieku dan ma kienx il-każ, wieħed jista' jkollu dubji dwar ir-*rationale* tal-punt (f) ta' dan il-paragrafu, minħabba li t-tranżazzjonijiet kollha stabbiliti fih jeħtieġu xi tip ta' finanzjament. Fl-opinjoni tiegħi, din il-konklużjoni hija sostnuta permezz ta' interpretazzjoni intertestwali ta' atti tal-Unjoni oħrajn li jikkonċernaw it-titolizzazzjoni.

2) Ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 u tad-dritt tal-Unjoni dwar titolizzazzjoni

72. Fil-finanzi, titolizzazzjoni hija teknika li tippermetti l-konverżjoni ta' self f'titoli trasferibbli u l-bejgħ ta' dawn it-titoli lil investituri [62]. Skont il-liġi dwar it-titoli, hemm distinzjoni bejn titolizzazzjoni ta' "bejgħ reali" (titolizzazzjoni tradizzjonali) u titolizzazzjoni sintetika. Titolizzazzjoni sintetika, għall-kuntrarju ta' titolizzazzjoni ta' bejgħ reali, tinvolvi self li ma huwiex mibjugħ mill-bank iżda li jibqa' fuq il-karta tal-bilanċ tal-bank oriġinatur [63]. Ir-riskju ta' kreditu li jirrigwarda dan is-self huwa ttrasferit lill-fond ta' investiment. Titolizzazzjoni sintetika ssir "fejn it-trasferiment tar-riskju jinkiseb permezz tad-derivati tal-kreditu jew garanziji, u l-iskoperturi titolizzati jibqgħu skoperturi tal-istituzzjoni oriġinatriċi" [64]. It-tranżazzjoni pprovduta mill-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni għandha ċerti karatteristiċi ta' titolizzazzjoni sintetika ffinanzjata [65] jew tal-inqas tidher li hija simili għaliha b'mod kunċettwali.

73. Fid-dritt tal-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2017/2402 [66] stabbilixxa qafas ġenerali għal titolizzazzjoni. L-għan tiegħu huwa li joħloq titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (iktar 'il quddiem il-"qafas tas-STS") sabiex jagħmel il-kreditu iktar aċċessibbli fl-Unjoni u sabiex jipproteġi lill-investituri. Id-distinzjoni indikata iktar 'il fuq bejn iż-żewġ tipi ta' titolizzazzjoni tinstab f'dan ir-regolament. Titolizzazzjoni sintetika hija mfissra fl-Artikolu 2(1)(10) ta' dan ir-regolament bħala titolizzazzjoni li biha t-trasferiment tar-riskju jinkiseb bl-użu ta' derivattivi tal-kreditu jew garanziji, u l-iskoperturi li jiġu titolizzati jibqgħu skoperturi tal-oriġinatur. Madankollu, inizjalment, tali titolizzazzjoni kienet eskluża mill-qafas tas-STS [67].

74. Fil-31 ta' Marzu 2021, ir-Regolament Nru 2017/2402 kien emendat [68] sabiex jinkludi ċerti tipi ta' titolizzazzjoni sintetika fil-qafas tas-STS għall-finijiet taż-żieda tal-likwidità u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. Bl-adozzjoni

[62] Ara, pereżempju, https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/financial-markets/securities-markets/securitisation. Għal definizzjoni legali tal-Unjoni tal-kelma "titolizzazzjoni", ara l-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2).

[63] Id-deċiżjoni tar-rinviju tfisser it-tranżazzjoni inkwistjoni bħala "titolizzazzjoni sintetika", filwaqt li l-Kummissjoni, fis-seduta, semmiet il-fatt li, għall-kuntrarju tat-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tali titolizzazzjoni, skont id-dritt tal-Unjoni kurrenti, ma tinvolvix finanzjament għan-nom tal-investitur.

[64] Artikolu 242(11) tar-Regolament Nru 575/2013.

[65] Titolizzazzjoni sintetika tista' tkun iffinanzjata jew mhux iffinanzjata (ara, pereżempju, https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2016/583848/EPRS_BRI%282016%29583848_EN.pdf).

[66] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2017, L 347, p. 35).

[67] Ara, f'dan is-sens, il-premessa 24 tar-Regolament 2017/2402.

[68] Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament 2017/2402 biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU 2021, L 116, p. 1).

tar-Regolament Nru 2021/557, il-leġiżlatur tal-Unjoni rrikonoxxa t-tranżazzjonijiet sintetiċi tal-karta tal-bilanċ – kategorija li fiha tidher li taqa' t-tranżazzjoni ta' sottoparteċipazzjoni jew li magħha tidher li hija simili b'mod kunċettwali [69].

75. Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet il-ġodda ilhom applikabbli biss mid-9 ta' April 2021, filwaqt li d-deċiżjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ttieħdet fit-30 ta' Diċembru 2015, perijodu li fih titolizzazzjonijiet sintetiċi ma kinux koperti minn dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2021/557 jistgħu jagħtu indikazzjoni tal-karatteristiċi ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi u jispjegaw kif jiġi kklassifikat kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni, skont leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar titolizzazzjonijiet.

76. F'dan ir-rigward, huwa interessanti li jiġi nnotat li l-premessa 11 ta' dan ir-regolament, li jittratta t-titolizzazzjonijiet sintetiċi, tispjega l-għan doppju indikat iktar 'il fuq tat-tranżazzjoni, li jenfasizza li l-investitur ibigħ il-protezzjoni, filwaqt li l-oriġinatur jixtri l-protezzjoni tal-kreditu mingħand l-investitur u jimpenja ruħu li jħallas primjum tal-protezzjoni tal-kreditu, li jiġġenera qligħ għall-investituri. Il-premessa 13 tar-Regolament 2021/557 tispjega li "f'titolizzazzjonijiet sintetiċi, it-trasferiment tar-riskju jinkiseb permezz ta' ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu minflok bejgħ tal-assi sottostanti". Kif il-Kummissjoni sostniet fis-seduta, huwa minnu li, għall-kuntrarju ta' titolizzazzjoni sintetika prevista f'dan ir-Regolament, fit-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, is-sottoparteċipant iħallas inizjalment lill-oriġinatur. Madankollu, dan il-fatt ma huwa tal-ebda rilevanza meta l-għanijiet taż-żewġ tranżazzjonijiet jiġu pparagunati, minħabba li huwa ċar li ż-żewġ tranżazzjonijiet jinvolvu għan ta' protezzjoni tal-kreditu.

77. Barra minn hekk, fil-premessa 5 tar-Regolament 2021/557, il-leġiżlatur tal-Unjoni jiddikjara li titolizzazzjoni sintetika hija mod wieħed kif tbiegħed ir-riskji mill-partijiet sistematikament importanti tas-sistema finanzjarja u talli tippermetti lil min isellef sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu ta' kapital u jżid fondi ġodda tiegħu. Għalhekk, jiena tal-fehma li r-*rationale* sabiex issir iktar disponibbli t-titolizzazzjoni sintetika ssegwi l-istess għan doppju tal-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni inkwistjoni, jiġifieri, l-għan doppju spjegat fil-punti 55 sa 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

78. Għaldaqstant, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar titolizzazzjonijiet ma jipprekludux lit-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali milli jitqiesu bħala tranżazzjonijiet jew negozjar koperti mill-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, jidhru li jindikaw li dawn it-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt il-punt (f) ta' din id-dispożizzjoni. Għar-raġunijiet li spjegajt fil-punti 63 u 71 ta' dawn il-konklużjonijiet, nikkunsidra li parti waħda biss mit-tranżazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112, filwaqt li l-parti l-oħra – it-trasferiment tar-riskju tal-kreditu, li jista' jitqies li jkun parti ugwali iżda essenzjali tat-tranżazzjoni – tista' taqa' taħt il-punt (f) ta' dan il-paragrafu. Il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjoni tal-aħħar tapplikax għat-tranżazzjoni kkonċernata ma hijiex inkwistjoni fid-domanda preliminari magħmula mill-qorti nazzjonali u għalhekk ma hijiex is-suġġett ta' din il-kawża.

[69] Ara d-definizzjoni fil-premessa 9 tar-Regolament 2021/557.

3. Interpretazzjoni teleoloġika

79. Il-punt tat-tluq għal interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 huwa sabiex jitwieżen ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni stretta tal-eżenzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu [70] mal-interpretazzjoni wiesgħa mogħtija lill-espressjoni l-"għoti […] ta' kreditu" [71]. Din l-interpretazzjoni tal-aħħar hija riżultat tal-għan tad-Direttiva 2006/112 li tiżgura ugwaljanza fit-trattament tal-persuni taxxabbli [72].

80. Il-premessi tad-Direttiva 2006/112 ma jispjegawx ir-raġunijiet li wasslu lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jeżenta servizzi finanzjarji, inkluż l-għoti tal-kreditu.

81. Fir-rigward tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva (preżentement l-Artikolu 135(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112), il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-għan tal-eżenzjoni għat-tranżazzjonijiet finanzjarji huwa sabiex tnaqqas id-diffikultajiet marbuta mad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa u l-ammont li għandu jkun eżentat [73] u sabiex tevita żieda fl-ispiża tal-kreditu tal-konsumatur [74]. Permezz ta' analoġija, l-għan tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 huwa li jitnaqqsu d-diffikultajiet marbuta mad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa u l-ammont li għandu jkun eżentat u sabiex titnaqqas l-ispiża tal-finanzjament. F'din il-kawża, fir-rigward tal-kwistjoni tat-tnaqqis, il-mistoqsija tibqa' jekk it-tranżazzjoni li twettqet skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni effettivament tnaqqasx l-ispiża tal-kreditu miksub mill-oriġinatur.

82. L-ewwel, fir-rigward tal-għan li jikkonċerna d-diffikultajiet marbuta mad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa, kif indikat mill-awtorità fiskali fis-seduta, ma hemm l-ebda diffikultà fit-twettiq ta' din id-determinazzjoni, minħabba li d-differenza bejn iż-żewġ ammonti inkwistjoni – l-ammont imħallas bil-quddiem mis-sottoparteċipant u r-rikavati mir-riċevibbli – jistgħu jkunu stabbiliti b'mod oġġettiv. Għalhekk, l-ewwel għan ma huwiex issodisfat mit-tranżazzjoni inkwistjoni.

83. It-tieni, fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-evitar ta' żieda jew it-tnaqqis tal-ispejjeż ta' kreditu, id-domanda tibqa' jekk it-tranżazzjoni mwettqa skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni effettivament hijiex ser tnaqqas l-ispiża tal-kreditu miksub mill-oriġinatur. Fil-fehma tiegħi, filwaqt li titolizzazzjoni hija għodda li tista' toħloq iktar possibbiltajiet għall-banek sabiex jipprovdu finanzjament, jiddiversifikaw il-portafoll tagħhom jew tippermettilhom li jimmaniġġjaw ir-riskju tagħhom, huwa dubjuż ħafna jekk hija tnaqqasx realment l-ispiża tal-finanzjament, minħabba li tali tranżazzjoni tinvolvi trasferiment tar-riskju mill-oriġinatur għas-sottoparteċipant. Tali trasferiment ta' riskju madankollu jiġi, bħala prinċipju, bi spiża, li probabbilment jew tnaqqas l-ammont imħallas mis-sottoparteċipant u/jew iżżid il-ħlas fil-forma ta' rikavati magħmula mill-oriġinatur. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq tali analiżi fattwali sabiex tiddetermina jekk l-ispiża tal-finanzjament hijiex fil-fatt imnaqqsa mit-tranżazzjoni inkwistjoni u jekk dan l-għan tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 inkisibx.

[70] Ara l-punt 43 indikat iktar 'il fuq.

[71] Ara l-punt 47 indikat iktar 'il fuq. Ara, ukoll, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, FRANCK (C-801/19, EU:C:2020:1049, punt 35).

[72] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2019, Vega International Car Transport and Logistic (C-235/18, EU:C:2019:412, punti 44 u 45).

[73] Kif l-Avukat Ġenerali Szpunar iddikjara, fil-letteratura, huwa ġeneralment irrikonoxxut li dawk is-servizzi, li jirrigwardaw biss il-movimenti finanzjarji, huma wisq diffiċli li jiġu intaxxati minħabba d-diffikultà fid-determinazzjoni tal-ammont taxxabbli (ara l-konklużjonijiet fil-Kawża Volkswagen, C-153/17, EU:C:2018:305, punt 80).

[74] Sentenza tad-19 ta' April 2007, Velvet & Steel Immobilien (C-455/05, EU:C:2007:232, punt 24).

84. Bħala konklużjoni, jiena tal-fehma li tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali kjarament ma hijiex waħda mit-tranżazzjonijiet finanzjarji li huma eżentati mill-VAT li jirrigwardaw l-għoti ta' "kreditu" stabbiliti fl-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112. Huwa possibbli, madankollu, li tali tranżazzjoni tista' taqa' taħt dispożizzjonijiet oħrajn, bħall-punt (f) ta' dan il-paragrafu, minħabba l-komponent essenzjali tal-immaniġġjar tar-riskju pprovdut mis-sottoparteċipant.

V. Konklużjoni

85. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Polonja):

L-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni li huwa jistabbilixxi għal tranżazzjonijiet li jirrigwardaw l-għoti, in-negozjar u l-immaniġġjar tal-kreditu ma tapplikax għall-provvista ta' servizzi pprovduta skont il-kuntratt ta' sottoparteċipazzjoni fil-kawża prinċipali, fejn is-sottoparteċipant jaqbel li jħallas lill-oriġinatur ammont bil-quddiem inkambju għall-kisba, matul id-dewmien ta' dan il-kuntratt, tar-rikavati mir-riċevibbli tas-self prinċipali mogħti lid-debitur prinċipali, minħabba li l-punt (b) ma jkoprix ir-riskju ta' kreditu ttrasferit mill-oriġinatur lis-sottoparteċipant, li, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, huwa parti essenzjali ta' din it-tranżazzjoni.